**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 396/2010**

**Illum: 26 ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Eugenio Sultana**
**(ID 495562(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Eugenio Sultana ta' 47 sena, iben Vincent u Liberata nee` Ghigo, imwieled San Giljan, nhar il-11 ta' Awwissu 1962, residenti Nru. 20, Triq il-Gvernatur William Reid u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 495562(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Settembru 2009:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi

ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu – u b'digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru 2011, giet awtorizzata s-segwenti zieda – liema reat sehh jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn jiltaqghu z-zghazagh.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi kollha mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Il-Qorti ser tibda billi tiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat odjern. Dan il-punt gie mqajjem mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha, fejn sostniet illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-kaz odjern m'hijiex prova ammissibbli u dan ghaliex din ittiehdet minghajr ma huwa nghata l-opportunita` li jircievi parir legali qabel irrilaxxja l-istess stqarrija. In sostenn tat-tezi taghha, id-difiza rreferiet ghal sentenzi decizi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom dik ta' Navone vs. Monaco, kif ukoll ghall-fatt illi fiz-zmien tal-kaz odjern, ghalkemm ma kienx ta' eta` tenera, l-imputat ma kienx midhla tal-ambjenti li fihom isiru l-interrogazzjonijiet mill-pulizija u ghalhekk f'dan is-sens, huwa kien persuna vulnerabbli.

Dwar dan il-punt, m'huwiex ikkontestat illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fil-21 ta' Settembru 2009 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-

pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija l-bierah stess mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija,*

*sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[1] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[2] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending***

---

[1] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

[2] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

***proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, ghalhekk la darba l-istqarrija tal-imputat ittiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti qeghda tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragjunament japplika ghal tali stqarrijiet ukoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-21 ta' Settembru 2009 esebita a fol. 10 *et seq* tal-process, kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-istess imputat waqt l-investigazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat ukoll</u>:**

Fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Settembru 2009, waqt *party* gewwa l-MFCC, Ta' Qali, ghall-habta tas-12.45 a.m., zewg pulizija ossia PS 430 Andrew St. John u PS 826 Matthew Parnis innutaw lill-imputat odjern. Fix-xhieda tieghu, **PS 430 Andrew St. John** jispjega illi fil-*party* in kwistjoni, kien hemm tinda principali fejn kien qieghed isir il-*party* u tinda ohra hdejha, fejn kien hemm it-*toilets* u l-*VIP area*. Jghid ukoll illi x'hin huwa u l-kollega tieghu kienu ghaddejjin minn bejn in-nies f'dik il-parti fejn jinfdu dawn iz-zewg tined, huwa nnota lill-imputat "*wiccu lejn il-koxxa tad-divizorju ta' bejn iz-zewg tined, fejn tahtu wkoll kien hemm xebgha wiring harnesses, u kien qieghed ifittex xi haga go idejh*".[3] Ix-xhud jghid

[3] A fol. 12 u 13 tal-process.

illi l-imputat ma ndunax li kienu resqin lejh u li kif mar warajh ezatt, huwa seta' jinnota li gewwa din l-id, l-imputat kellu ammont ta' pilloli u li kien qieghed iqalleb fihom. Skond ix-xhud, dak il-hin huwa qabad lill-imputat minn spalltu biex idawwru lejh u pprova jahtaflu jdejh biex ma jarmix il-kontenut taghha, izda fil-konfuzjoni li kien hemm, xi ufficjali tas-sigurta` gibdu lix-xhud ghaliex hasbu li kien ser jaghmel xi haga lill-imputat u f'dak il-mument, l-imputat rema kollox fl-art. Peress illi taht l-imputat kien hemm ghadd kbir ta' *wires* – "*gegwigija ta' wires*"[4] skond ix-xhud – il-pilloli waqghu fl-istess *wires*. Ix-xhud jghid illi huma mmanettjaw lill-imputat li ghall-ewwel ipprova jirrezisti l-arrest u bdew jghidulu li huma pulizija biex ma jinhasadx u fil-presenza tieghu bdew jigbru dak li setghu mill-pilloli. Fost il-pilloli, kien hemm ukoll xi centezmi tal-Euro. Ix-xhud jghid ukoll illi ma rnexxilhomx jigbru kollox ghaliex kien hemm pilloli ohrajn mifruxin taht il-*wires*, izda ma setghux jilhquhom.[5]

**In kontro ezami**, ix-xhud qal illi x'hin huwa avvicina lill-imputat u identifika ruhu bhala pulizija, l-istess imputat rema l-affarijiet fl-art. Mistoqsi jekk rax lill-imputat ikellem lil xi hadd u johrog il-borza jew juri l-borza lil xi hadd, ix-xhud jghid illi l-imputat kellu wiccu lejn il-hajt u kien qieghed jara l-affarijiet f'idejh. Jghid illi x'hin indirizza lill-imputat u identifika ruhu bhala pulizija, l-imputat waddab kollox gewwa kanal li minnu kienu ghaddejjin il-*wires*. Jghid illi l-imputat irrezista l-arrest, huma nizzluh mal-art u bdew jigbru dak li setghu mis-sustanzi li kien hemm fl-art. Jispjega illi l-imputat irrezista l-arrest billi beda jaghtihom bil-minkeb, waqt li beda jipprova jqum u fil-fatt kellhom jassistuhom l-ufficjali tas-sigurta`.[6]

**PS 826 Matthew Parnis** xehed illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien qieghed xoghol flimkien ma' PS 430 St. John gewwa l-MFCC, fejn innutaw persuna suspettuza ossia lill-imputat odjern u waqqfuh. Jghid illi hekk kif dan gie mwaqqaf minnhom, huwa rrezistihom u pprova jarmi l-affarijiet li kellu f'idejh. Jghid ukoll illi wara taqtigha zghira, l-imputat gie arrestat dwar xi pilloli. Ix-xhud jghid illi huwa ra lill-imputat "*qisu qed jara x'ghandu f'idejh*"[7] u li x'hin marru fuqu, huwa tghajjar l-affarijiet li kellu f'idejh u li dawn waqghu tahtu. Jghid illi huwa u PS 430 gabru l-pilloli, li jidhirlu li kienu bojod u li jekk jiftakar sew, kien hemm bejn hdax u erbatax-il pillola.[8]

---

[4] A fol. 13 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' PS 430 Andrew St. John, a fol. 12 *et seq* tal-process.
[6] Ara l-kontro-ezami ta' PS 430 Andrew St. John, a fol. 40 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 17 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' PS 826 Matthew Parnis, a fol. 16 *et seq* tal-process.

**In kontro-ezami**, ix-xhud jghid illi jaqbel mas-suggeriment maghmul lilu mid-difiza fis-sens illi l-imputat kien qieghed wiccu mal-hajt u li kien qed jara x'kellu f'borza. Wara jghid illi ma jafx kinitx borza, izda kien qed jezamina xi haga f'idejh. Ix-xhud jghid ukoll illi huwa ma rah ikellem lil hadd, li fil-*party* kien hemm hafna nies u li x'hin mar fuqu, l-imputat irrezista, bir-rizultat li marru l-*bouncers* fuqhom ghaliex hasbu li kienu qeghdin jiggieldu.[9]

Fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq talba sabiex jinhatar espert biex jezamina s-sustanza esebita fl-istess seduta u illi minghajr pregudizzju, ma kinitx qeghda tikkontesta li s-sustanza esebita hija *ecstasy*. Sussegwentement, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, l-Ufficjal Prosekutur talab illi jigi nominat espert sabiex jirrelata dwar il-piz tas-sustanza hekk esebita, fil-waqt illi d-difiza rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti u rrizervat il-posizzjoni taghha fir-rigward tal-ispejjez ta' din il-perizja. Il-Qorti laqghet din it-talba u nnominat lix-Xjenzat Godwin Sammut ghal dan il-ghan. Mir-relazzjoni tal-istess espert, jirrizulta illi d-dokument li huwa nghata ghall-analizi kien jikkonsisti f'*envelope* kannella, li kien fih xi pilloli li ftit minnhom kienu mfarrka. Skond l-istess relazzjoni, il-piz tad-droga kien ta' 3.01 grammi.[10]

**L-imputat** xehed f'dawn il-proceduri. Jghid illi kien hemm *disco* gewwa Ta' Qali u li peress illi fil-lukanda fejn kien jahdem hu dak iz-zmien, kien hemm hafna zghazagh jahdmu mieghu, hajjruh biex imur maghhom hemmhekk. Jghid ukoll illi kienu ilhom li dahlu xi ghaxar minuti jew kwarta, li kien hemm hafna rassa u x'hin kienu dehlin, huwa rifes xi haga. Jghid illi ghall-ewwel haseb li dan kien *mobile*, izda x'hin qabdu f'idu, induna li kien artab u haseb li jista' jkun xi *wallet*. Jghid illi huwa nqata' min-nies, fethu u beda jara x'inhuma, meta nduna li kienet borza b'pilloli bojod. Jghid ukoll illi huwa fethu u beda jara x'inhuma qalb in-nies u dak il-hin qabzu fuqu xi hames persuni li kienu pulizija. Jghid illi huwa gie arrestat, li baqa' jghid li dawk ma kinux tieghu u li kien sabhom hemm dak il-hin. L-imputat jghid ukoll illi huwa beda jghid lill-Ispettur b'dak li kien gara, izda ma riedx jemmnu, li beda jghidlu li ser inizzlu isfel u li meta jtellghu, kellu jara x'ser jghidlu. Jghid illi l-ghada huwa hadha *leave* u l-jum ta' wara kellu jcempel biex jehodha *leave* ukoll u ma setax u peress illi l-Ispettur beda jghidlu li kien ser ihallih hemm, eventwalment irrilaxxja l-istqarrija tieghu li ma kinitx tikkontjeni l-verita`. Jghid illi l-verita` hija dik li kien ghadu kif xehed, izda l-Ispettur ma riedx jemmnu

---

[9] Ara l-kontro-ezami ta' PS 826 Matthew Parnis, a fol. 37 *et seq* tal-process.
[10] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 23 tal-process.

u li nizzlu isfel u tellghu kemm il-darba.  Jghid illi wara li gie rilaxxjat, tkellem dwar dan mal-avukat tieghu.

**In kontro-ezami** x-xhud jghid illi huwa kemm il-darbu qal lill-Ufficjal Investigatur b'dak li kien gara, izda dan ma ried jemmnu bl-ebda mod.  Jghid illi ma giex imgieghel jghid dak li qal fl-istqarrija b'theddid, izda jghid illi huwa kien ilu fl-istess impjieg tnax-il sena u ma riedx li jitkecca minhabba dak li kien sehh.  Eventwalment, xorta tkecca.  Mistoqsi kif il-pulizija li waqqfuh u arrestawh qalu li huwa pprova jehles mill-pilloli, l-imputat wiegeb illi l-pulizija qalu wkoll li huwa beda jara x'inhuma u nnega li huwa beda jipprova jahbihom fi sprall li kien hemm fejn kien qieghed hu u jghid li kien tar kollox minn idu meta qabzu fuqu.  Mistoqsi allura kif ma hassx li kellu jaghmel xi haga fir-rigward tal-mod kif skond hu ttehditlu l-istqarrija tieghu, huwa jghid illi huwa kien qal b'dan lill-avukat tieghu, izda l-avukat ma kienx qallu li huwa seta' jiehu xi azzjoni dwar dan.  Jghid illi ghall-ewwel meta hass l-oggett b'idejh haseb li kien xi *wallet* ghaliex hassu artab.  Qal li huwa kellu droga fil-pussess tieghu meta kien ghadu zghir.  Qal ukoll illi l-Ispettur ma qallux x'jghid fl-istqarrija, izda meta qallu l-istorja li eventwalment tnizzlet fl-istqarrija, l-Ispettur beda jikteb u rrilaxxjah u li huwa kien hsiebu biex jara kif ser jitlaq minn hemm.  Jghid illi huwa ma kienx jaf x'kienu dawk il-pilloli li sab u jinnega li huwa prova jehles minnhom meta marru fuqu l-pulizija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi in vista tal-inamissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif fuq inghad, il-Qorti tqis illi jkun inutli li tidhol fil-kwistjoni dwar x'kien li wassal o meno lill-imputat sabiex irrilaxxja din l-istqarrija, izda minflok ser tghaddi biex tezamina l-bqija tal-provi mressqa sabiex tiddeciedi jekk jirrizultax ippruvat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, mhux biss illi l-imputat kellu l-pussess tal-pilloli *ecstasy*, izda wkoll illi tali pussess kien wiehed aggravat u dan fis-sens illi dawn ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv tieghu.  Id-difiza, f'dan il-kaz, qeghda tikkontesta mhux biss il-pussess aggravat, izda anke l-pussess illegali ossia semplici tal-istess pilloli ghaliex, fil-fehma taghha, ma giex ippruvat sodifacentement illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-ligi.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap*

*101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Fil-kaz odjern, m'hemmx dubbju illi l-imputat kellu l-pussess materjali tal-pilloli in kwistjoni, izda jinnega li kien jaf x'kienu, ghaliex skond hu, kien ghadu kif sabhom ftit tal-mumenti qabel ma gie mwaqqaf u arrestat mill-pulizija u haseb li kienu xi kartiera. Ghalhekk skond il-verzjoni tieghu, huwa ma kellux dik ix-xjenza necessarja sabiex jinghad li kien fil-pussess tad-droga. F'dan ir-rigward, fid-dawl tax-xhieda tal-pulizija li waqqfu lill-imputat, il-Qorti jidhrilha illi l-verzjoni tal-imputat fis-sens illi huwa ma kienx jaf x'kellu fil-pussess tieghu jew li fil-pussess tieghu huwa kellu l-pilloli *ecstasy*, hija wahda verosimili ghall-ahhar. Dan ghaliex iz-zewg pulizija jghidu li l-imputat kien qieghed wiccu lejn il-hajt, ihares lejn jew jezamina dak li kellu f'idejh. Li kieku ma kienx minnu dak li jghid l-imputat u li ghall-kuntrarju huwa kien jaf li fil-pussess tieghu kellu d-droga, x'sens kien jaghmel li huwa jitwarrab wahdu u joqghod ihares lejn jew jifli dawn il-pilloli? Min ikun jaf li qed igorr id-droga ma jqieghedx id-droga kollha li jkollu f'idejh u joqghod ihares lejha. Sa dak il-hin li gie mwaqqaf, ghalhekk, ma jistax jinghad lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li l-imputat kellu x-xjenza li fil-pussess tieghu kellu d-droga. Dak li seta' gara fil-mument li huwa gie mwaqqaf mill-pulizija wkoll ma jnaqqas xejn minn dan id-dubbju. Fil-waqt illi l-pulizija jghidu li l-imputat rema l-pilloli li kellu f'idu x'hin huma identifikaw ruhhom bhala pulizija, l-imputat jghid illi tar kollox minn idejh fil-mument li huma qabzu fuqu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi fil-verzjoni moghtija minn PS 430 in ezami, huwa jghid illi fil-hin li l-imputat gie mwaqqaf minnu, l-ufficjali tas-sigurta` marru fuq ix-xhud u gibduh ghaliex hasbu li kien ser jaghmel xi haga lill-imputat, li dak il-hin kien hemm konfuzjoni u kien f'dan il-mument li l-imputat rema l-pilloli fl-art.

Jghid ukoll illi wara huma mmanettjaw lill-imputat li ghall-ewwelipprova jirrezisti l-arrest u bdew jghidulu li huma pulizija biex ma jinhasadx. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk huwa ben verosimili li l-imputat fil-fatt inhasad x'hin marru l-pulizija fuqu ghall-gharrieda u x'hin sehhet il-konfuzjoni li jiddeskrivi PS 430 u li l-istess imputat rema l-pilloli li kellu f'idejh proprju bhala rizultat ta' dan. Anke PS 430 jghid illi bdew jghidu lill-imputat li huma pulizija biex ma jinhasadx u dan probabbli ghaliex f'dak il-mument deher mahsud – reazzjoni ragjonevoli fil-kuntest tac-cirkostanzi spjegati mill-istess xhud. Biss anke li kieku ghall-grazzja tal-argument biss, l-imputat rema l-pilloli x'hin marru fuqu l-pulizija ghaliex fil-mument li huwa kien qed jiflihom induna jew basar jew issusspetta li kienu pilloli *ecstasy* jew pilloli illegali, ma jistax jinghad fic-cirkostanzi, illi huwa kellu l-volonta` jew l-intenzjoni li jippossjedi dawk il-pilloli. Kien ikun mod iehor li kieku per ezempju, sussegwentement, l-imputat gie nnutat jerga' jqieghed il-pilloli fil-but ghaliex imbaghad, kien iqum dubbju dwar kemm verament l-imputat ma kellux ix-xjenza necessarja fir-rigward ta' dak li kellu fil-pussess tieghu. In oltre il-Qorti tqis il-fatt illi l-imputat waqqa' jew rema l-pilloli fil-*wiring* li kien hemm tahtu jew fil-kanal tal-istess *wiring* bhala koincidentali jew konsegwenzjali ghall-fatt illi l-imputat kien qieghed bil-wieqfa proprju f'dan il-post meta gie mwaqqaf mill-pulizija u fil-kuntest tal-konfuzjoni li qamet meta huwa gie mwaqqaf, ma jistax jinghad b'certezza morali illi huwa ghamel dan bl-intenzjoni li l-pilloli ma jinstabux.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien fil-pussess tal-pilloli in kwistjoni u wisq inqas li huwa kien fil-pussess aggravat tal-istess.

La darba l-imputat m'huwiex qieghed jinstab hati tal-imputazzjoni ta' pussess aggravat, wisq inqas jista' jinstab hati tac-cirkostanzi li jaggravaw dan ir-reat ossia li dan sehh fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema imputazzjoni tinkludi l-aggravanti tad-distanza ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnha.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jidderigi

process verbal li jiddokument l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat